MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Appell Civili Numru. 171/2009/3

**Pauline Saliba**

**v.**

**Mark Luke Borg**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors li r-rikorrenti pprezentat fis-27 ta' Mejju 2009 li jaqra hekk:
"1. Illi l-kontendenti zzewgu fl-20 ta' Dicembru tas-sena 2003, fil-Knisja ta' San Frangisk, Hamrun, skont kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg taghhom numru 2295 tas-sena 2003 fir-Registru taz-Zwigijiet, Malta, illi kopja tieghu qed

tigi annessa ma’ dan ir-Rikors u esebita u mmarkata bhala Dokument A.

“2. Illi r-relazzjoni tal-partijiet hija regolata permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali ffirmat nhar is-27 ta’ Marzu tas-sena 2009 in atti n-Nutar Stephanie Psaila.

“3. Illi l-prezenti proceduri qeghdin isiru sabiex iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fl-20 ta’ Dicembru 2003, jigi ddikjarat null u bla effett skont il-Ligi, stante li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien ivvizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom, jew b’anomalija psikologika serja illi ghamlitha impossibli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u dan ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) tal-Att Dwar iz-Zwieg tal-1975.

“4. Illi minghajr pregudizzju, iz-zwieg tal-kontendenti huwa null u bla effett fil-Ligi, ghall-fini tal-Artikolu 19 (1) (f) stante li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg.

“5. Illi l-esponenti taf b’dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti attrici, in vista ta’ dak kollu fuq premess, titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

“1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti nhar l-20 ta’ Dicembru tas-sena 2003 huwa null u bla effett ghal kull fini u effetti tal-Ligi.

“2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jannota tali nullita’ tal-Att taz-Zwieg Numru 2295 tas-sena 2003.

“Bl-ispejjez kontra l-intimat konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.”

Rat illi l-intimat naqas li jipprezenta risposta guramentata u allura huwa kontumacji skont il-ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fil-15 ta’ Novembru 2011 li permezz tagha il-Qorti cahdet it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha;

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet;

“... ... ... illi l-partijiet f’din il-kawza ltaqghu f’Jannar 2000 permezz tal-internet. Bdew johorgu flimkien fuq bazi regolari sakemm xi sitt xhur wara xtraw appartament u ffissaw id-data taz-zwieg. Ghalkemm gie li hassru waqt l-gherusija, il-preparamenti baqghu ghaddejjin u fl-ahhar izzewgu fis-sena 2003. Isseparaw de facto fis-sena 2008 u legalment fl-2009. L-attrici issa tikkontendi li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju a tenur tal-Art. 19 (1) (d). Tinvoka ukoll l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu a tenur tal-Art. 19 (1) (f). Bhala provi in sostenn tat-talba taghha, l-attrici pprezentat l-affidavit taghha stess kif ukoll dak ta’ ommha u ta’ habibitha. Xehed ukoll il-konvenut in subizzjoni.

“Il-Qorti tibda biex teskludi xi vizzju tal-kunsens a tenur tal-Art. 19 (1) (f) tal-Kap. 255. Fl-affidavit taghha, l-attrici tghid hekk:

“*Rigward tfal, jiena kont iddecidejt minn qabel ma zzewwigna li ma jkollniex tfal. Jien kont ghidt lil Mark li jiena ma ridtx tfal u hu qabel mieghi.*”

“Madanakollu, l-istess zewgha viva voce in subizzjoni jixhed hekk:

“*Ma tantx konna nitkellmu dwar il-futur taghna. Ma tkellimniex dwar tfal pero’ wara li zzewwigna naf li ma kellniex hsieb ghal tfal.*”

“Ommha tixhed hekk:

“*Wara z-zwieg, Pauline kienet qaltli li hi ma riditx tfal ghaliex Mark Luke  ma kienx persuna responsabbli.*

*"Qabel iz-zwieg, Pauline qatt ma kienet fethet qalbha mieghi fuq il-problemi li kellha.*"

"Minn dan, il-Qorti ma tistax tasal biex tqis li l-koppja jew xi hadd minnhom fil-fatt eskluda t-twelid tal-ulied.

"Kif irriteniet il-Qorti Civili fl-14 ta' Awissu 1995 fil-kawza "**Dr Stephen Muscat noe vs Maria Borg Grech**":

"*Ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali izda nternament u b'att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali).*"

"*Fid-duttrina jinghad li jkun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b'att posittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali), jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali) – ara f'dan is-sens **Muscat vs Borg Grech noe**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Awwissu, 1995. Kif jinghad ukoll minn O. Giacchi fil-ktieb "Il consenso nel matrimonio canonico" (Ediz. 1968 pagna 92), "Nell'animo del nubente, perche' si abbia simulazione... occorre che vi sia non un'assenza della volonta' matrimoniale, ma la presenza di una positiva volonta' di escludere*", ("**Adrian Busietta vs Eileen Busietta**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' April, 2009).

"In relazzjoni mal-kawzali a tenur tal-Art. 19 (1) (f) tal-Kap. 255, dawk il-Qrati jirritjenu illi:

"*Il-gudikant kellu jkun sodisfatt illi l-anomalija psikologika kienet ta' gravita' tali li kienet tirrendi lill-persuna nkapaci li konxjament u valutament jaghti l-kunsens tieghu biex*

*jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*”, (“**Josette Spiteri nee’ Scicluna vs George Spiteri**”, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fid-9 ta’ Frar, 2001).

“*Ikun hemm id-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fis-sens ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, fil-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b’mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta’ kritika – estimativa jew kritika – valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita’ affettiva li hija presuppost ghall-ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta’ diskrezzjoni, ghalhekk, ma hux sempliciment nuqqas ta’ riflessjoni, lanqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi prettament kompatibbli ma’ diskrezzjoni ta’ gudizzju*”, (“**Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri**”, deciza mill-Qorti Civili Prim’ Awla fl-10 ta’ Novembru, 1995).

“Mill-ftit provi prodotti f’din il-kawza, din il-Qorti ma ssibx li r-rikorrenti rnexxielha tipprova dak li allegat sal-grad rikjest mil-Ligi, u kif konsistentement ritenut minn dawn il-Qrati.”

Rat ir-rikors tal-appell tar-rikorrenti Pauline Saliba li permezz tieghu talbet li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza imsemmija billi tilqa’ t-talbiet taghha u tiddikjara z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet bhala null u bla effett;

Rat illi l-appellat Mark Luke Borg ma pprezentax risposta;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ April 2013 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukat tal-appellanti trattat l-appell;

Ikkonsidrat;

Illi bazikament l-appellanti qed tilmenta illi, ghall-kuntrarju ta’ dak kontenut fis-sentenza appellata, hija ressqet provi bizzejjed biex il-Qorti kellha tiddikjara z-zwieg null skont l-Artikolu 19 (1) (f) u (d) tal-Att dwar iz-Zwieg.

Il-Qorti naturalment taqbel mal-fatt illi kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin "*f'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. ... Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta` ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccoziment wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero` dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubju* (**Anna Tonna v. Alexander Tonna** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru 1991).

Dan japplika *multo magis* fejn il-konvenut ikun kontumacji bhal ma hu f'din il-kawza ghaliex naturalment, il-kontumacja m'hijiex ammissjoni izda kontestatazzjoni.

It-tifsira taz-zewg sub incizi li fuqhom l-attrici appellant qed tibbaza t-talba taghha huma spjegati tajjeb mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Zammit v. Bernardette Zammit** (27 ta' Jannar 2006) b'dan il-mod;

"*Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe` liz-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun presunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti tal-allegazzjonijet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni u cioe li z-zwieg huwa null ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*

"*.. is-sub inciz (d) fuq imsemmi jsemmi ukoll li z-zwieg ikun null jekk ikun affetwat b'anomalija psikologika serja u taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Ta' min jenfasizza hawn li l-ligi taghna tirrikjedi li l-anomalija psikologika tkun*

*tali li taghmilha impossibbli u mhux semplicement difficli li wiehed jaqdi l-obligazzjonijet essenzjali taz-zwieg jew inkella li jassumi l-istess obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

"*Rigward id-disposizzjoni kontenuta fis-subinciz (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirrizulta jkun jehtieg li jigi provat sodisfacentement li z-zewg partijiet jew wahda minnhom fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iz-zwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg u din l-eskluzjoni tkun saret b'att posittiv tal-volonta` ta' dik il-parti. Huwa evidenti li din id-disposizzjoni tirraviza sitwazzjoni ta' simulazzjoni u ghandu jigi enfasizzat li nullita` ta' zwieg bazata fuq il-kawzali ta' simulazzjoni propjament tkun teskludi kawzali bazata fuq nullita` ta' zwieg minhabba nuqqas ta' eskluzzjoni ta' gudizzju. L-inkompatibilita` bejn dawn iz-zewg kawzali tohrog mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju timplika inkapacita` li wiehed jaghraf, jifhem u jirrifletti fil-waqt li l-kawzali tas-simulazzjoni tehtieg li jkun hemm tali kapacita` intelletwali, propju l-att posittiv tal-volonta` li jwassal ghas-simulazzjoni, totali jew parzjali.*"

Fil-kawza **Nicholas Agius v. Rita Agius** (25 ta' Mejju 1995) intqal illi "*b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita; li parti jew l-ohra fiz-zwieg tista tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irirkjeda maturita` shiha u perfetta ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg*". F'dan is-sens gew decizi wkoll il-kawzi **Angela Spiteri v. Joseph Spiteri** (4 ta' Novembru 1994), **Robert Attard v. Josephine Attard** (18 ta' Ottubru 1995) u **Janet Portelli v. Victor Portelli** (14 ta' Awwissu 1995).

Fil-kawza fl-ismijiet **Mario Mizzi v. Maris Mizzi** (15 ta' Novembru 2005) il-Qorti tal-Appell ukoll qalet li "*biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta'*

*gudizzju irid ikun hemm l-inkapacita' psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomlaija psikologika fi-sens mediku) li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddecidi liberament (jigifieri minghajr impulsi interni li jkunu nehhew il-liberta tal-ghazla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali*".

Fi kliem iehor il-Qorti korrettement indikat li dawn iz-zewg kawzali ma jistghux jissusistu flimkien u mill-provi prodotti mill-attrici f'din il-kawza din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni raggunta mill-Qorti tal-Familja li ma irrizultatx il-kawzali skont l-artikolu 19 (1) (d); kuntrarjament ghal dak li qalet l-appellanti fir-rikors taghha dan l-artiklu ma jghidx li z-zwieg ikun annullat jekk ikun hemm nuqqas ta' maturita` minn xi parti 'sic et sempliciter' anzi l-kelma maturita` ma tidher imkien fl-istess sub inciz.

Il-Qorti pero` jidhrilha li ghalkemm huwa minnu li l-attrici setghet u kellha tressaq aktar provi, hemm bizzejjed indikazzjonijiet cari li z-zwieg ghandu jigi dikjarat null ai termini tas-sub inciz (f).

Huwa infatti car li l-partijiet ma kellhom ebda intenzjoni li jkollhom tfal miz-zwieg taghhom u dan il-fatt bizzejjed biex iwassal ghad-dikjarazzjoni tan-nullita` taz-zwieg; infatti l-Qrati taghna irritenew bosta drabi li dan ifisser li l-parti jew il-partijiet ikunu eskludew element essenzjali taz-zwieg.

Illi fil-kawza **Anthony Gallo v. Dr. Anthony Cutajar *et nomine*** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe`, issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe` saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **Al Chahid v. Mary Spiteri** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**Artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu kien gja` mentalment dispost li ma jottemperax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Abdel Wahed v. Dr. Yana Micallef Stafrace et** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilita` tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta` u d-dritt ghall-prokreazzjoni tal-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **Aquilina v. Aquilina** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **Grech v. Grech** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990).

F'din il-kawza, kif tindika anke s-sentenza appellata, l-attrici fl-affidavit taghha qalet illi *'jiena kont iddecidejt qabel ma zzewwigna li ma jkollix tfal. Jien kont ghidt lil Mark li ma ridtx tfal u hu qabel mieghi*. Il-konvenut xehed viva voce u qal '*ma konniex nitkellmu dwar il-futur. Ma tkellimnix fuq tfal izda wara li zzewwigna naf li ma kellnix hsieb ghal tfal.*

Is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla fl-ismijiet **Anna Galea v. John Walsh** (VDG) deciza fit-30 ta' Marzu 1995, tispjega b'mod dettaljat ic-cirkostanzi meta eskluzjoni tal-partijiet jew xi hadd minnhom li miz-zwieg ikun hemm it-tfal ghandha twassal ghal dikjarazzjoni ta' nullita`. F'dik il-kawza, l-agir tal-konvenut li jipprokrastina kontinwament fil-hsieb li l-partijiet jippruvaw ikollhom ulied induciet lill-Qorti biex tikkonkludi li bhala fatt huwa kien eskluda wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga. Din il-Qorti jidrilha li f'dan il-kaz, ezami anke superficjali tad-

deposizzjoni tal-partijet ghandha twassalha ghall-istess konkluzjoni ghalkemm il-Qorti ma tantx tikkonsidra f'dan ir-rigward id-depozizzjonijiet l-ohra ghaliex din hija decizjoni li jehduha l-partijiet fl-intimita` ta' bejniethom u huma biss ikunu xhieda attendibbli fl-istess rigward.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tilqghu, tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara null iz-zwieg celebrat bejn il-partijet fl-20 ta' Dicembru 2003 ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) fuq imsemmi.

L-ispejjez tal-kawza fic-cirkostanzi jkunu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------